MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 290/2005

**A**

**-vs-**

**B et noe et.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-30 ta’ Awissu, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-attrici u l-konvenut zzewgu f'Malta fl-4 ta' Frar 1989, izda huma sseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri-Soler datat 7 ta' Jannar 2003;

Illi l-minuri twieldu fl-20 ta' Jannar 1998, 2 ta' Dicembru 2000 u l-1 ta' Settembru 2002 rispettivament, kif jirrizulta mic-certifikati tat-twelid annessi ma' l-att tac-citazzjoni u mmarkati rispettivament Dokument A, B u C;

Illi ghalkemm fic-certifikati tat-twelid imsemmija gie dikjarat illi missier tat-tfal minuri huwa l-konvenut fil-fatt m'huwiex il-missier naturali taghhom;

Illi fil-fatt il-minuri gew koncepiti minn relazzjoni illi l-attrici kellha u ghad ghandha ma' X;

Illi l-attrici ghandha interess illi jigi dikjarat illi l-minuri m'humies l-ulied naturali u biologici tal-konvenut;

Illi is-suespost diga gie stabbilit permezz ta' testijiet genetici appoziti li saru fuq kull wiehed mit-tliet minuri u r-rizultati ta' dawn it-testijiet ser jigu esebiti quddiem dina l-Onorabbli iktar 'il quddiem;

Illi jehtieg illi jsiru korrezzjonijiet mehtiega fic-certifikati tat-twelid tal-minuri registrati mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-minuri ma humiex l-ulied naturali u biologici tal-konvenut;

2. Tiddikjara li l-minuri huma l-ulied naturali u biologici tal-konvenut X;

3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar u jikkancella mic-certifikat tat-twelid tal-minuri, l-isem u d-dettalji tal-konvenut minn kull fejn jirrikorri u minflok inizzel id-dettalji ta' X;

4. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar u jikkancella mic-certifikati tat-twelid tal-minuri il-kliem “the said” mid-dettalji tal-omm u cioe l-attrici Liliana Bugeja.

L-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti sabiex jidhru in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fil-25 ta’ Ottubru, 2005 li permezz taghha l-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli.

2. Illi jekk it-talbiet attrici jigu milqugha l-kliem “*the said*” iridu jigu kkancellati minn taht il-kolonna li tindika t-taghrif dwar l-omm fl-Atti ta’ Twelid in kwistjoni.

3. Illi l-attrici ghandha tispecifika d-dettalji personali kollha ta’ l-allegat missier naturali l-konvenut X biex jekk it-talbiet attrici jigi milqugha dawn id-dettalji ikunu jistghu jigu inseriti fl-Atti tat-Twelid in kwistjoni.

4. Illi l-attrici ghandha tispecifika n-numri progressivi ta’ iskrizzjoni ta’ l-Atti tat-Twelid fit-talbiet attrici.

5. Illi ghandha ssir id-debita publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Atti tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li

ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku mahlufa minn Carmel Mifsud, I.D. 103246(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fit-12 ta' Ottubru, 2005 li permezz taghha l-Kuraturi Deputati ghall-minuri ecepew:

1. Illi f'dan l-istadju huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Kuraturi Deputati mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-konvenut a fol 34 tal-process.

Rat l-atti processwali, u senjatament l-affidavits ta' l-attrici u ta' konvent.

Rat id-dokument a fol 21 *et sequitur* tal-process u cioe' r-rizultanzi ta' test xjentifiku (DNA) illi jindika li l-konvenut ma jistax ikun missier il-minuri imsemmija, anzi jindikaw li l-missier huwa l-konvenut X.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Dicembru, 2005 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara illi l-konvenut X indika l-konnotazzjonijiet tieghu kif rikjesti mill-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob dikjarazzjoni illi uliedha msemmija fic-citazjoni huma ulied il-konvenut X u mhux il-konvenut

zewgha John Bugeja. Minn dak iz-zmien huma sseparaw waqt li meta twieldu t-tfal huma kienu gia' bdew il-proceduri ghal separazzjoni.

Din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Josianne Giusti vs Pierre Giusti et deciza fis-16 ta' Frar, 2001 kienet qalet hekk;

*Illi fil-mertu jirrizulta li fiz-zmien li setghet tigi koncepita t-tarbija l-attrici kellha relazzjoni mal-konvenut ... fl-istess waqt li f dak iz-zmien ma kellhiex x'taqsam mar-ragel taghha. Din il-Qorti .. irriteniet illi din il-prova hija sufficjenti biex jigi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 77 tal-Kodici Civili (Spiteri pro et noe vs Cilia et, fost ohrajn 30 ta' Jannar, 1998)... Finalment hemm l-ammissjoni ta' l-omm li minkejja li wahedha mhux bizzejjed (Artikolu 70 (2) tal-Kodici Civili, mehuda ma' dawn ic-cirkostanzi l-ohra telimina kull dubbju f'mohh il-Qorti dwar il-paternita' tat-tarbija.*

Il-Qorti ghandha l-istess konvinciment f'dan il-kawza *multa magis* minhabba t-*test* tad-DNA. Ma hemmx ghalhekk ostakolu biex it-talba attrici tigi akkolta.

**Il-Qorti ghalhekk fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku u fl-ammissjoni tal-konvenut, tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet ta' l-attrici u ghalhekk;**

**1. tiddikjara li l-minuri msemmija fic-citazzjoni m'huwiex il-wild naturali tal-konvenut ;**

**2. tiddikjara illi l-istess minuri huma ulied il-konvenut X;**

**3. tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku biex inehhi l-konnotati tal-konvenut mic-certifikati tat-twelid ta' l-istess minuri u jissotitwihom b'dawk tal-konvenut X kif indikati fil-verbal fuq imsemmi;**

**4. tordna lill-istess Direttur ihassar il-kliem *the said* mill-istess certifikati.**

**L-ispejjes tal-kawza ghandhom jithallsu mill-attrici.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------